# Immaġina li int dubbiena

1. Kont qed intir darba waħda filgħodu kmieni. Bla ma naf kif dħalt fil-ħanut tal-merċa.
2. Dan kien ħanut imdawwar bl-ixkaffi mimlijin ikel u xorb.
3. Xammejt riħa tfuħ ta' ħobż iqarmeċ u kull tip ta' ġobon.
4. Madwari rajt ġobon mikxuf, perżut imqatta' u żebbuġ mimli.
5. Ħarist sew u rajt pasti tal-krema u kejkijiet.
6. Fil-bogħod rajt ukoll il-frott u l-ħaxix.
7. Fil-qrib smajt in-nisa jpaċpċu u jitkellmu ma' sid il-ħanut.
8. Il-kaxxiera kienet qed tagħmel il-kontijiet waqt li n-nies kienu qed isuqu t-trolì.
9. Ħadt nifs kbir u xammejt riħa tfuħ ta' żebbuġ, ġobon tat-tursin, bakkaljaw mielaħ, ġbejniet tal-bżar, inċova, mortadella, bigilla u d-dips tat-tonn taż-żejt.
10. X'festa ta' rwejjaħ ifuħu!
11. Wara ftit iltqajt ma' dubbiena fitta u għamilna mħatra min ħa jiekol l-iktar.
12. F'ħakka t'għajn ġie sid il-ħanut u ġera ġirja warajna bil-paletta.
13. Qalbi bdiet tħabbat sitta sitta sakemm bdejt indur mal-ħanut biex naħrab minnu.
14. Ħadt qatgħa kbira meta rnexxielu jaqbad lid-dubbiena l-oħra.
15. Imsarni niżlu f'saqajja meta rajt lid-dubbiena l-oħra mal-art.

16. Kemm tħassartha xħin sid il-ħanut qabad xkupa u pala u rmieha fiż-żibel!
17. B'xorti tajba rnexxieli nistaħba wara xi laned u bottijiet!
18. F'daqqa waħda bdejt nisma' lil sid il-ħanut jgħajjat: "Fejn mort ja dubbiena maħmuġa!"
19. Jien issugrajt noħroġ nittawwal minn bejn il-laned u l-bottijiet.
20. Iżda sid il-ħanut rani u f'daqqa waħda ħassejt bħal doċċa ilma kiesħa fuqi.
21. Ħassejtni nistordi waqt li xammejt riħa qawwija li fgatni.
21. Imbagħad ma niftakar xejn iżjed. Inti x'taħseb li kien ġrali?

Valentina Schembri - Sena 3.3
Kulleġġ San Benedittu, Żurrieq

